MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Numru 624/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Jeffrey Cilia**

**vs**

**James Grech**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat James Grech ta’ 25 sena, iben il-mejjet Alex u Doris nee’ Attard, imwieled nhar it-28 ta’ Awwissu 1982 u residenti Blk B, Ent D, Flt 4, Triq Ganni Bonnici, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita’ numru 579482(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

1. Fl-14 ta’ Lulju 2008 ghall-habta ta’ nofs il-lejl, fi Triq Sant’Anna, Floriana fforma f’gemgha ta’ tlett persuni jew aktar jew baqa’ flimkien, ghal kull hsieb li jkun, b’mod tali u

taht cirkostanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'ohra, li setghu jgibu twerwir u biza' fost in-nies f'Malta;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi immedjatament hawn fuq imsemmija ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta' nies ma kienet giet imxewxa minn hadd in partikulari, u li l-istess reat li kien mahsub fil-fatt sar.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta' Lulju, 2008 (esebit *a folio* 21 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-16 ta' Lulju, 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw l-istrike tat-trasport pubbliku li kien sehh f'Lulju 2008 fejn inqalghu diversi incidenti fl-inhawi tal-Belt u l-Furjana stante li x-xufiera tax-xararbanks u tat-taxis ipparkeggjaw il-vetturi taghhom fi Triq Sant'Anna, l-Furjana u bdew javvanzaw bil-mixi lejn Kastilja. L-incident li jifforma l-mertu tal-kawza odjerna gara ghall-habta ta' nofs il-lejl tal-14 ta' Lulju 2008 fejn waqt li kien tiela' vann tal-kumpanija Drifter Car Rentals bin-numru tar-registrazzjoni EVY 003 misjuq minn certu Emanuel Montanaro u b'passiggier fih fit-Telgha tal-Kurcifiss, il-Furjana malli dan il-vann wasal mar-roundabout tal-War Memorial u kien diehel fi Triq Sant'Anna sabiex johrog il-barra lejn Blata l-Bajda hargu diversi xufiera li kienu hemmhekk hdejn il-vetturi u

trakkijiet taghhom u ghalqu t-triq sabiex l-imsemmi vann ma jkunx jista' jkompli ghaddej fi triqtu. Dawn l-istess nies daru mal-vann hargu lix-xufier u lil passiggiera mill-vann u qalbu l-vann fuq il-genb u kisrulu l-windscreen ta' wara u ghamlu xi hsara ohra fil-vann. Il-Pulizjia li kien hemm fuq il-post qalu li kien hemm madwar hamsin persuna nvoluti f'dan l-incident. Meta xehed l-Ufficjal Prosekutur u nvestigattiv involut f'dan il-kaz l-Ispettur Jeffrey Cilia, huwa spjega li fil-hin li sehh l-incident kien hemm madwar tmien pulizija migburin fuq in-naha l-ohra ta' Triq Sant'Anna, precizament hdejn il-monument ta' Dun Karm u meta huma raw l-istorbju cemplu immedjatament id-Depot ghall-assistenza peress illi ma setghux jintervjenu ghaliex kienu outnumbered. Meta dawn il-Pulizija li kienu fuq il-post gew mistoqsija jekk setghux jidentifikaw lil xi hadd li kien involut fir-rewwixta jew fil-gemgha ta' nies kontra l-ligi tlieta minnhom identifikaw tnejn min-nies, li wiehed minnhom kien l-imputat fil-kawza odjerna. PS 1492 fil-fatt kien identifika lill-imputat filwaqt li PS 561 kien identifika lil persuna ohra, certu Francis Cassar, izda qal li dan tal-ahhar kien akkumpanjat minn persuna bit-tpingija fuq dahru u l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma li l-imputat kellu tpingija fuq dahru.

Waqt l-udjenza tat-23 ta Lulju 2008 xehed PS 1492 Joseph Pace fejn dan spjega li fl-14 ta' Lulju 2008 kien xoghol hdejn il-War Memorial, il-Belt u ghall-habta ta' nofs il-lejl, izda meta kien diga' daqq nofs il-lejl, tela' vann abjad tad-Drifters Car Rentals min-naha tal-Viset u waqt li dan il-vann kien qed jipprocedi lejn Triq Sant'Anna inqalghet kommozzjoni fejn il-vann twaqqaf minn grupp ta' nies u x-xufier inhareg mill-vann u l-vann inqaleb. Dan is-Surgent identifika lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li kienu f'din il-gemgha ta' nies li waqfu l-vann. Huwa qal li kien gharaf ukoll persuna ohra li kien Francis Cassar. In kontro-ezami huwa qal li ma kienx ra lill-imputat jaqleb il-vann jew jaghmel il-hsara fl-istess vann izda kien rah mal-grupp li qala' l-kommozzjoni. Dan ix-xhud spjega wkoll li ftit tal-hin wara li nqala' l-incident kien ra lill-imputat ikellem lill-Ispettur James Grech flimkien ma xi xufiera ohra u huwa kien indika lill-Ispettur Grech li l-imputat kien wiehed min-nies li ppartecipa fil-kommozzjoni. Ix-xhud

spjega wkoll li kien hemm madwar erbghin ruh fil-gemgha ta' nies imdawrin mal-vann meta dan inqaleb u huwa kien madwar hames metri l-boghod mill-vann meta nqaleb u spjega li seta' jaghraf lill-imputat ghaliex dan kellu tpinigija kbira fuq dahru u kien bla T-shirt. Huwa qal ukoll li lil Francis Cassar gharfu ghaliex kellu xaghru twil. Huwa qal li lill-imputat rah fil-gemgha ta' nies qabel ma nqaleb il-vann u spjega li ma kienx jafu qabel.

PS 561 David Portelli xehed fl-udjenza tat-23 ta' Lulju 2008 fejn spjega li fl-14 ta' Lulju 2008 ghall-habta tal-10.30pm kien mar ma xi Pulizija ohra duty fi Triq Sant'Anna u spjega inoltre li ghall-habta tal-00.15 jew 00.20 ta' bejn l-14 u l-15 ta' Lulju 2008 waqt li l-Pulizija kienu hdejn il-monument ta' Dun Karm kienet inqalghet kommozzjoni fejn vann kien gie mwaqqaf minn grupp kbir ta' nies u wara li nhareg ix-xufier il-vann gie maqlub. Huwa qal li man-naha ta' wara tal-vann li mbaghad inqaleb seta' jara tnejn min-nies, wiehed kellux xaghru nokli, twil u folt u l-iehor kien zaqqu barra u kellu tpingija goffa fuq dahru izda qal li lil persuna li kellu t-tpingija ma setghax jaghrfu ghaliex ma kienx rah minn wiccu. Huwa qal izda li lil persuna bit-tpingija fuq dahru kien rah fuq in-naha ta' wara tal-vann qed jghin sabiex il-vann jinqaleb.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll is-sewwieq tal-vann tad-Drifters Car Rentals u cioe' Emanuel Montanaro[1] fejn huwa spjega li l-incident in dizamina sehh fl-14 ta' Lulju 2008 ghall-habta tan-00.30 u qal li ma kienx f'posizzjoni jaghraf lil hadd mill-madwar erbghin persuna li waqfulu l-vann, harguh mill-istess vann u mbaghad qalbu l-vann.

Meta xehed PC 665 Robert Spiteri waqt l-udjenza tat-13 ta' Novembru 2009 huwa qal li kien wiehed mill-Pulizija li kienu hdejn il-monument ta' Dun Karm u qal li l-incident li kien qed jixhed dwaru fejn inqaleb il-vann kien sehh fil-15 ta' Lulju 2008 ghall-habta tal-00.30. Huwa qal li kien ra corma kbira ta' nies imdawrin mal-wara tal-vann li nqaleb. Huwa identifika lill-imputat bhala wiehed min-nies li kien ra hdejn il-vann wara li dan inqaleb. Fil-21 ta' Jannar 2010

[1] Huwa xehed waqt l-udjenza tat-23 ta Lulju 2008.

xehed l-Ispettur James Grech li spjega li ghall-habta tan-00.30 tal-15 ta Lulju 2008 waqt li huwa kien duty il-Waterfront kien gie infurmat minn PS 343 Glenn Carabott li kien inqaleb vann fi Triq Sant'Anna u meta huwa mar fuq il-post PS 1472 kien indikalu grupp ta' nies li kienu nvoluti fil-kommozzjoni meta nqaleb il-vann u huwa seta' jaghraf lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li kienu fil-grupp ta' nies indikati lilu minn PS 1472.

L-imputat irrilaxxxja stqarrija[2] fejn huwa kkonferma li kien ippartecipa fl-istrike u qal li fl-14 ta' Lulju 2008 kien mar il-Belt max-xufiera l-ohra izda sostna li ghall-habta tal-5.00pm kien mar ghand it-tfajla tieghu Hal-Qormi u ghall-habta tas-6.00pm kien irritorna lura l-Belt fejn ipparkeggja l-vettura tieghu faccata tal-Ambaxxjata Amerikana u mar max-xufiera l-ohra. Huwa qal li ghall-habta tan-00.30 mar Paceville ma' xufier iehor jismu George minn Hal-Qormi sabiex jixtru xi haga x'jieklu u mbaghad regghu irritornaw il-Furjana u malli hekk irritornaw ghall-habta tas-00.45 u kienu dehlin fi Strada Sant'Anna raw il-vann maqlub u ghalhekk l-imputat sostna li fil-hin tal-incident huwa kien warrab u ma kienx prezenti. L-imputat ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b'zewg imputazzjonijiet, l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghar-reat ta' rewwixta kontemplat fl-Artikolu 79 tal-Kodici Kriminali filwaqt li t-tieni imputazzjoni tirreferi ghar-reat ta' gemgha ta' nies kontra l-ligi kontemplat fl-Artikolu 68(2) tal-Kodici Kriminali. Fic-charge sheet insibu indikat id-data tal-14 ta' Lulju 2008 ghall-habta ta' nofs il-lejl bhala d-data u l-hin li allegatament sehhew ir-reati li bihom qed jigi akkuzat l-imputat. Minn ezami tal-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz izda jirrizulta li l-incident fejn sehhet ir-rewwixta u fejn kien hemm il-gemgha ta' nies kontra l-ligi fejn giet imblukkata t-triq u nqaleb il-vann bin-numru tar-registrazzjoni EVY 003 effettivament sehh fil-15 ta Lulju 2008 ghall-habta tan-00.30. Dan il-hin gie indikat kemm

[2] Inserita a fol. 18 sa 20 tal-atti processwali.

mix-xufier li kien qed isuq il-vann, u cioe’ Emanuel Montanaro, kif ukoll minn PS 562 David Portelli, minn PC 665 Robert Spiteri, mill-Ispettur James Grech u minn PS 343 Glenn Carabott. Inoltre irid jigi rilevat li fir-rapport inserit a fol. 81 tal-atti processwali hemm indikata l-15 ta’ Lulju 2008 bhala d-data tal-incident u n-00.30 bhala l-hin tal-incident. L-unika xhud tal-Prosekuzzjoni li indika id-data tal-14 ta’ Lulju 2008 u l-hin ta’ nofs il-lejl kien fil-fatt PS 1492 li kien ukoll xhud li identifika lill-imputat. Irid ukoll jigi rilevat li meta l-imputat irrilaxxja l-istqarrija huwa indika li ghall-habta tan-00.30 kien allontana ruhu flimkien ma’ persuna ohra minn Triq Sant’Anna sabiex imorru jixtru xi haga x’jieklu u meta irritornaw ghall-habta tas-00.45 kienu sabu l-vann maqlub. M’huwiex kontestat li l-okkorrenza li ghadha kemm saret referenza ghaliha saret mill-Pulizija u kienet fil-pussess taghhom fil-mument li nhargu c-charges u l-Qorti ghalhekk jidrilha li fic-charge sheet kellha tigi ndikata d-data u l-hin li hemm indikati fl-istess okkorrenza jew b’mod aktar preciz ‘fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta’ Lulju 2008 ghall-habta tan-00.30.’ Fil-fehma tal-Qorti meta wiehed jikkunsidra li hemm kunflitt bejn ix-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni dwar id-data u l-hin li fih sehh l-incident li bih jinsab akkuzat l-imputat, meta wiehed jikkunsidra li l-maggor parti tax-xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni qed jindikaw li l-incident effettivament sehh fil-15 ta’ Lulju 2008 ghall-habta tan-00.30 u ghalhekk jezisiti kunflitt dwar jekk fl-14 ta’ Lulju 2008 ghall-habta ta’ nofs il-lejl, u cioe’ il-hin indikat fic-charge sheet effettivament sehhx xi ncident li fih kien involut l-imputat, meta wiehed jikkunsidra li l-imputat qed isostni li huwa allontana ruhu minn fuq il-post fejn il-Prosekuzzjoni qed tallega li sehh l-incident ghall-habta tan-00.30 u rritona lura ghall-habta tas-00.45 fejn sab il-vann diga’ maqlub, meta wiehed jikkunsidra li kif xehed l-istess Ufficjal Prosekutur f’dawk il-granet kienu nqalghu diversi incidenti fejn kien hemm involuti x-xufiera tax-xarabanks pubblici u ghalhekk kien aktar u aktar importanti li jigu ndikati kemm jista’ jkun data u hin precizi sabiex ikun hemm ic-certezza li qed issir referenza ghall-incident korrett, u meta wiehed jikkunsidra li xhud iehor tal-Prosekuzzjoni, PC 665 Robert Spiteri, ddikjara li fil-mument li huwa ra lill-imputat il-vann kien diga’ maqlub, il-Qorti jidrilha li dawn id-dubji kollha ghandhom jimmilitaw

favur l-imputat u li huwa ghalhekk ma jistghax jigi misjub hati li fl-14 ta' Lulju 2008 ghall-habta ta' nofs il-lejl huwa ppartecipa f'rewwixta jew f'xi gemgha ta' nies kontra l-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------